# Raqdet il-Belt

LILLIAN SCIBERRAS

Sa fl-aħħar il-belt raqdet
u wieħed wara wieħed
intfew id-dwalijiet
u raqdu l-ħsejjes li kkalzrawna
u raqdu ta' l-ikkalzrati l-vuċijiet.

Sa fl-aħħar il-belt strieħet
u strieħ il-lejl għajjien.
Għal waqt ħanin
is-skiet saffa t-triqat battala
u tbattlu minn toqolhom il-ħlejqiet;
u xegħlu fis-smewwiet xemgħat dejjiema
jinfdulna l-lejl mill-bogħod taż-żminijiet.

Sa fl-aħħar il-belt siktet
u nksew l-irkejjen tagħha dlamijiet,
u f'gallarija taħt qawwet il-qamar,
nibtu minn bejn iz-zkuk fwejjaħ u lwien;
u kompla fi triqtu l-lejl
jifrex siktietu mal-passi ta' mixjietu
imelles il-ħolqien bla ma jieqaf imkien.

Sa fl-aħħar il-belt waqfet
u waqaf it-tidwir tar-roti mat-triqat.
Mal-bnedmin, f'soddthom reqdin, straħu tamiethom
li dehrulhom moħbijin fil-mera ta' ħolmiethom;
u f'xatt il-baħar solitarju mewġa tellgħet mill-qiegħ arzella
u fi triqitha lura ħadet magħha ċagħqa għal ġol-fond.

# Imramma

ALBERT MARSHALL

xejn
mhu iżjed skunċertanti
minn meta jqajmek ħoss fit-tlieta ta' fil-għodu
u b'sensik imtarrxa minn ġo soddtok fi dlam ċappa
toqgħod tissemma' lil ġurdien fis-saqaf
jikkodifika messaġġi misterjużi
notturni
hu u jxammem għall-ewwel irwejjaħ tas-sebħ.

meta jerġa' jbik in-ngħas bejn kodifikazzjoni u oħra
tiġik ħolma ħelwa
b'battuti irregolari ta' manna mis-sema
itektkulek fuq il-ħġieġ tat-tieqa
u bik stendut ġo soddtok
trid tmur tiftaħ u ma tistax



# San Ġwann Tas-Salib Poeta Tal-Poeti

ĠORĠ PERESSO

MIN qatt fisser x'inhi poeżija? Min fisser x'inhu poeta? Poeti ppruvaw ifissru kemm-il waħda u kemm l-oħra; mhux dejjem irnexxielhom għax hi l-poeżija li tagħmel il-poeta, u poeta jitfisser fil-poeżija tiegħu. Dan mhux logħob tal-kliem—għalkemm hu xogħol il-poeta li jbiddel l-użu tal-kelma f'logħba, bir-regolamenti, l-eċċezzjonijiet u l-pjaċir marbuta ma' logħba. U l-misteru ta' logħba, għax f'kull logħba hemm itinerarju li hu mfassal minn xi ħaġa magħrufa u jkompli f'otor u riżultat mhux magħrufa jew mistennija. Il-misteru fuq kollox huwa l-għodda tal-poeta għax il-misteru hu l-waqt li jbiddel il-kelma u l-ħsieb f'poeżija.

Il-poeta mistiku Spanjol San Ġwann tas-Salib (1542–1591) fost il-poeti kollha rnexxielu jersaq lejn it-tifsira ta' poeżija u poeta mingħajr ma pprova. L-24 poeżija li kiteb huma profondi u hekk għoljin, huma marbuta mal-metafora ta' ambjent komuni u hekk sublimi fir-riżultat tagħhom; hekk qrib dak li hu ordinarju u mitfugħa lejn dak li hu misterjuż u traxxendentali li bir-raġun huma meqjusa bħala ġawhra fil-poeżija mhux biss dik Spanjola imma wkoll Ewropea. Nista' ngħid li hi mondjali għax fihom wieħed isib xebh intrinsiku ma' poeżiji f'letteratura mistika orjentali. Bir-raġun il-Professur Allison Peers ta' l-Università ta' Liverpool u studjuż tal-letteratura medjovali u Spanjola, isejjaħ lil San Ġwann tas-Salib: il-poeta tal-poeti.

San Ġwann tas-Salib (Juan de la Cruz) għex f'perjodu meta l-poeżija Spanjola kienet qiegħda tieħu xejra ġdida. Il-poeżija amoruża u pastorali Taljana waslet ukoll fi Spanja fejn sabet art u qalb għammiela. Fost il-poeti Spanjoli ta' dak iż-żmien li għamlu isem insibu lil Garcilaso u Sebastian de Cordoba. Il-poeżija ta' mħabba tagħhom hija mqanqla minn metafori u simboli senswali, mogħnija b'deskrizzjonijiet sa l-iċken irqaqat.

Din ix-xorti ta' poeżija ntgħoġbot mill-Ispanjoli, b'demmhom sħun bis-senswalità Mediterranja. Imma l-Ispanjoli huma wkoll profondament reliġjużi, b'reliġjożità li hi mfissra b'riti u kliem li għandhom mit-teatralità. Minn din it-taħlita ta' reliġjon u senswalità ħarġet xejra ġdida fil-letteratura Spanjola msejħa poeżija 'a lo divino'. L-istess poeżiji profani kienu jiġu mibdula, ħafna drabi mill-istess poeti li kitbuhom, f'poeżiji reliġjużi. L-imħabba profana mibdula fi mħabba divina; l-għarajjes mitlufa fi pjaċir idilliku jsiru Ġesu u r-Ruħ mitlufa f'xulxin. Din il-forma xegħlet il-poeti ta' dak iż-żmien. Il-ħila tal-poeti kienet tidher fil-mod kif dawn kienu jagħrfu jbiddlu l-profan fir-reliġjuż.